**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Frar, 2016

Rikors Guramentat numru : 333/11 AL

**A B**
**(I.D. 490564 M)**

**vs**

**C B**
**(I.D. 38463 M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-kontendenti kienu zzewgu fis-6 ta' Lulju, 1986, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal J u K, illum it-tnejn maggorenni;
2. Illi l-intimat irrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' adulterju, vjolenza, mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi b'mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta

inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli;

3. Illi b'digriet moghti mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimat;

Talbet fl-isfond tas-suespost li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, vjolenza, mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat;
2. Tordna lill-intimat sabiex jibda jissomministra lill-esponenti martu dik ir-retta alimentarja stabbilita minn din il-Qorti;
3. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess ugwalment bejn iz-zewg kontendenti;
4. Tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti kollha ta' l-Artikolu 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli;
5. Tordna lill-intimat sabiex jikkonsenja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali taghha li jinsabu fil-pussess taghha;
6. Tordna l-pubblikazzjoni tad-divizjoni tal-assi matrimonjali, tinnomina Nutar biex jaghmel tali pubblikazzjoni u occerrendo tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw lill-intimat f'kuntratt eventwali f'kaz ta' kontumacja;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponent gie ammess ghall-beneficcju tal-ghajnuan legali;
2. Illi l-esponenti jichad bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet lancjati kontra tieghu fir-rikors promotur bhala infondati

fil-fatt u fid-dritt u jirrileva illi jekk hemm xi lok ghal separazzjoni personali bejn il-kontendenti dan huwa biss rizultat ta' tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici u bl-ebda mod ma ghandu xi forma ta' tort l-istess eccipjenti kif allegat l-attrici fir-rikors promotur. Illi ghalhekk l-esponenti jeccepixxi illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi :

i. M'ghandux il-konvenut jinstab hati li kkawza s-separazzjoni bejn il-kontendenti stante li mhux minnu li huwa hati kif allegat fir-rikors promotur. L-unika tortijiet li wasslu ghas-separazzjoni kienu dawk tal-attrici li hija hatja inter alia ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess eccipjenti b'mod li wasslet hi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg b'tort uniku taghha stess;
ii. Illi minhabba li kienet htija tal-istess attrici li tkisser iz-zwieg m'hemmx lok li l-attrici tippercepixxi manteniment ghaliha minghand il-konvenut, u ghalhekk l-attrici ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment u jigu applikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet komminati mill-artikoli 48 u 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
iii. Illi minhabba li l-konvenut m'ghandux tort, m'ghandux jigi dikjarat li ddekada mid-dritt tal-manteniment kif mitlub u m'ghandhom jigu applikati l-ebda wahda mis-sanzjonijet komminati mill-artikolu 48, 51 u 52 kif mitlub mill-attrici izda bil-kontra ghandhom jigu applikati kontra l-attrici is-sanzjonijiet komminati mill-artikolu 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
iv. Illi t-talba ghall-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tkun deciza fis-sens illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u assenjata in kwantu porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat ope sententiam;
v. Illi t-talba sabiex l-esponenti jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni dotali u / jew parafenali taghha hija nfondata

stante li m'hemm ebda beni x'jigu lilha assenjati. In fatti hija r-rikorrenti li trid terga tirrifondi lill-konvenut il-flus kollha li hija hadet meta b'mod qarrieqi tati l-impressjoni li se tasal bonarjament fuq kuntratt ta' separazzjoni u meta hadet il-flus irtirat minn tali ftehim u ntalvolat il-kawza odjerna;

vi. Illi minhabba li kienet htija tal-istess attrici li tkisser iz-zwieg hemm lok li l-konvenut jigi awtorizzat jibqa jghix fl-istess dar kemm ghax hu mhux il-parti hatja u kemm ghaliex hu m'ghandux mezzi biex jghix x'imkien iehor;

3. Illi salv kif hawn fuq premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi finalment jinghad illi din il-kawza giet intavolata mill-attrici wara process twil ta' medjazzjoni fejn l-esponenti wera disposizzjoni kompleta sabiex jissolvew il-pendenzi b'mod bonarju izda kienet l-attrici li ghamlet minn kollox biex din is-separazzjoni, ghal ragunijiet taghha, tispicca l-Qorti;

Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu hatret lil Dr Abigail Critien bhala perit legali bis-soliti fakultajiet;

Semghet lix-xhieda ili tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet relatata maz-zwieg li sehh fis-6 ta' Lulju 1986. Min-naha tieghu l-konvenut jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, pero' jsostni li dan sehh ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-attrici. Jigi rilevat li l-konvenut ma ressaq l-ebda kontro-talba.

**Verzjoni attrici**

Illi l-attrici xehdet permezz ta' affidavit[1] li fih tirrakkonta fit-tul dak li ghaddiet minnu qabel u tul il-hajja mizzewga. Hi tghid li meta ltaqghet mal-konvenut kellha ghoxrin sena u waqt l-gherusija qatt ma kien jghidilha li jixrob, hija zzewgitu ghaliex kienet tiffantasizza u tippjana z-zwieg, fil-fatt hija tghid li ma kienux jitkellmu dwar il-futur taghhom, bhallikieku ma kienx hemm hajja wara t-tieg, izda kienu jitkellmu biss fuq il-gurnata tat-tieg. Hija pero' kienet tinnota li l-konvenut kien xi ftit jew wisq nervuz. Huma finalment izzewgu kontra l-parir tal-genituri taghha fis-6 ta' Lulju 1986. L-attrici tghid li harget tqila gimgha wara li zzewgu. Hi zzid tghid li l-inkwiet beda jinqala xi xahar wara li twieldet it-tifla J, li twieldet fl-14 ta' April 1987. Ir-raguni kienet li l-konvenut kellu xi jghid ma hu l-attrici, huma kienu marru jghixu mal-genituri taghha mill-ewwel wara z-zwieg u kienu ghadhom jghixu hemm. Fil-fatt, wara xi ghaxar xhur miz-zwieg, l-attrici tghid li l-konvenut beda jirvilla u minhabba dawn il-battibekki hi u l-konvenut kellhom imorru jghixu ghal rashom f'Hal-Luqa. Hi tghid li matul it-tieni tqala taghha l-attitudni tal-konvenut kienet bdiet tinbidel u bdiet issir iktar indifferenti u aggressiva. Hi tghid li matul iz-zwieg dejjem kien jitkellem hazin u jidghi. Sadanittant hija ippruvat tikkoncentra fuq it-trobbija ta' uliedha u bdiet tipprova ma tatix kaz tar-ragel taghha. Meta kien ikollhom xi tieg jew *party,* hija bdiet tinnota li r-ragel taghha kien

[1] Ezebit a fol 33 tal-process

iktar jintefa' mal-bar u joqghod jixrob, u meta kienu jiltaqghu fil-familja kien igib ix-xorb mieghu biex jisker u jparla fil-vojt. Hi tghid li huwa kien jahbi x-xorb minnha u kien qieghed isir vjolenti fil-konfront taghha, tant li darba spicca fl-idejn mar-ragel ta' ohtha li kien Malta fuq btala. L-attrici tghid li l-konvenut kien jaghmel minn kollox biex igerrex lit-tfal mill-iskola u biex ma jistudjawx, tant li lanqas attivitajiet ta' l-iskola ma kien ikun irid imur. Hi tghid li fis-sena 1991, meta kienet tqila bit-tielet tarbija u kellha hames xhur tqala, l-konvenut kien tefa' barmil vojt u kien laqatha f'zaqqha u kienet korriet, tant li damet tlett ijiem l-ITU, b'dan pero' li ma hemmx certezza li dan sehh minhabba dan l-incident. L-aggressivita' tal-konvenut bdiet tizdied, anke meta ma jkunx xurban u l-attrici bdiet tibza' li ser tintuza vjolenza fil-konfront taghha, tant li kien hemm hafna drabi meta suppost cemplet lill-pulizija izda minflok kienet tahrab. Hi tkompli tghid li darba telqet ghand il-girien biex issib ftit wens. L-attrici ikkonfrontat lill-konvenut b'din il-problema u hu ammetta maghha li ghandu problema ta' xorb u li huwa qatt ma kien tajjeb ghaz-zwieg. L-attrici bdiet tinduna li l-konvenut kien beda jilghab il-loghob ta' l-azzard u kien beda jakkumula d-dejn. L-attrici tghid li f'Jannar 1998, il-konvenut dahal id-dar f'sakra u kellu sikkina f'idu, u bit-theddid qalilha biex tmur fis-sodda, hija spiccat biex harbet mid-dar u marret ghand il-kappillan minhabba li bdiet tibza'. Il-konvenut kien jghidilha li jrid jirranga izda dan qatt ma kien isehh. L-attrici ssemmi diversi argumenti li nqalghu bejn il-partijiet fejn il-konvenut kien jinfexx f'theddid jew vjolenza fil-konfront taghha u b'mod partikolari ssemmi incident li sehh f'Gunju tas-sena 1999 meta l-konvenut kien wasal lura d-dar xurban u ried jara t-televizjoni b'volum gholi u biex ma taqlax argument, l-attrici marret fil-kamra tat-tfal taqralhom ktieb u huwa dahal fil-kamra taghhom jghajjat maghha u kif ratu sejjer lejn il-kcina, prezumibbilment biex igib sikkina, hija griet lejn il-bieb ta' barra bit-tfal bil-biza' li hakmitha u waqqfet karozza biex tehodha l-Ghassa taghmel rapport u wara marret torqod ghand ohtha. Darba ohra tghid li qabadha

minn ghonqha u qalilha li ghad issibu f'sakra kbira u joqtolha. L-attrici tghid li ma bdietx tiflah izjed u marret ghand il-kappillan li issuggerielha tmur id-Domestic Violence Unit u l-uniku xelter li kellhom disponibbli ghaliha dak iz-zmien kien f'Ghawdex. L-attrici hasset li kellha tmur ghaliex ma bdietx tara triq ohra. Izda wara gimghatejn, regghet irritornat peress li t-tfal kienu qed jitilfu l-iskola u l-konvenut bera jghid li qed ihossu dispjacut u beda jghidilha li kien se jinbidel. Hi tghid li kienet kellmet avukat li kien diga' ipprepara l-procedura tas-separazzjoni, izda l-konvenut uriha li kien iddispjacut u li xtaq isalva z-zwieg. L-attrici talbet ghall-ghajnuna professjonali izda l-konvenut qatt ma ried jattendi u wara ftit zmien rega' beda jaghmel bhal qabel. Il-konvenut rega' beda jisker u jghidilha affarijiet bhal li jrid imur ma' nisa ohra izda hi ma kenitx taghti kaz ghax kien ikun fis-sakra pero' bdiet tirrifjuta li jkollha x'taqsam mieghu. Iktar tard kien qalilha li ghamel zmien jorqod mal-prostituti, tant li l-attrici qalet li hadet infezzjoni u li skopriet li l-konvenut kien ilu hames snin shah minn wara dahra jmur mal-prostituti. Hija spiccat biex kitbitlu ittra ghax kienet xebghet f'din is-sitwazzjoni u minkejja l-problemi, l-konvenut kien baqa' jaghmel ta' rasu u ma kienx interessat fil-gid tieghu nnifsu jew tal-familja tieghu. L-unika haga li kien ikun irid kien li jkollu x'jaqsam maghha u xejn izjed. Il-konvenut kien ibaghti mid-*depression* u kien imur jiehu l-kura l-isptar *Mount Carmel.* L-attrici tghid li hija telqet mid-dar matrimonjali f'Ottubru 2011 u li hija tahdem *part-time* u mill-flus li taqla' trid thallas il-kera u l-bzonnijiet ta' kuljum. L-attrici tghid li bhala propjeta' bejniethom hi u l-konvenut ghandhom id-dar matrimonjali, u tghid ukoll li wirtet ammont ta' flus minghand il-familjari taghha, oltre li hemm zewg vetturi, karozza Suzuki Alto GEO 179 u mutur Yamaha EBO 934.

L-attrici terga' tixhed *viva voce*[2] u zzid tghid li hija tghix f'appartament li tikri minghand terzi f'Hal-Safi. Apparti l-kera,

[2] A fol 130 ta-process xhieda datata 8 t'April 2014

thallas ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u tiehu hsieb lit-tfal li ma jghinuhiex u allura l-paga taghha ma sservix. Hija taqli tmien mitt Ewro (€800) fix-xahar izda jibqa' f'idejha madwar sitt mitt Ewro (€600). Hija tghid li qatt ma kellha relazzjonijiet ma rgiel ohra izda llum ghandha partner u ilha f'relazzjoni mieghu sa mis-sena 2010, izda ma tghix mieghu. Id-dar matrimonjali qeghda ma' diversi agenti u tghid li l-partijiet qablu li d-dar tinbiegh ghal hamsa u hamsin elf lira Maltin (Lm55,000), tghid ukoll li kollox inqasam hlief id-dar.

**<u>Verzjoni Konvenut</u>**

Il-konvenut jixhed *viva voce* fis-16 t'Ottubru 2012[3] meta jghid li huwa gie boarded out ghal ghomru mix-Xatt filwaqt li gie boarded out ghal sentejn mill-Gvern. Huwa jircievi pensjoni mix-xatt ta' €291 kull xahar u jircievi wkoll pensjoni mill-Gvern. Hu jghid li uliedhom ghandhom 25 u 24 sena u t-tnejn jahdmu *full-time*. Meta gie *boarded out* kien ha s-somma ta' circa hamsin elf Ewro (€50,000) Maltin u ta nofshom lill-attrici. Fiz-zmien li qasmu s-somma, jghid li huwa zamm il-mutur u l-attrici hadet il-karozza. L-attrici hadet ukoll il-mobbli tad-dar. Huwa jghid li sakemm dam jahdem huwa kien jghati lill-attrici elf Ewro fix-xahar izda dan kien sas-sena 2007 ghaliex umbaghad infirdu.

Il-konvenut jerga' jixhed *viva voce* nhar l-4 ta' Frar 2013[4] u jghid li s-somma li rcieva mill-*Port Workers* qasamha ugwalment ma' martu, u li l-partijiet kellhom id-dejn mal-Banif Bank. L-attrici hallset il-karozza minn sehemha mis-somma u l-karozza giet registrata f'isimha. Huwa hallas il-mutur u dejn iehor li kellu ghaliex kien bis-sekwestru u bil-mandat. Hu jghid li kellu jbiegh il-mutur ghaliex kellu jixtri tazzi u kutri ghad-dar peress li l-attrici

---

[3] A fol 42 tal-process
[4] A fol 56 tal-process

kienet hadet kollox. Il-mutur kien bieghu ghall-prezz ta' €700 ghaliex ma kellux flus. Hu jghid li jghaddi bil-hniena u hemm mara li taghtih jiekol. Hu jghid li jghix fil-bejt tad-dar matrimonjali. Qed jghid ukoll li jippretendi Lm75,000 mid-dar u jghid li tiswa' izjed. Hu jghid li d-dar ta' magenbu ilha sitt snin ghall-bejgh u l-iktar li offrewlu kienet is-somma ta' Lm55,000. Hu jghid li l-attrici wirtet lil ommha u lil missierha u liz-ziju taghha u l-flus intefqu ghall-bzonnijiet tal-familja. L-attrici kienet hallset ghal nofs il-kcina u kamra tal-banju fid-dar u hu xtara zewg settijiet ta' ghamara tas-sodda u kcina u dan mill-flus li kien baqghalu. Huwa jghid li ma jaghtix flus lill-attrici lanqas ghall-kirja, u llum ma baqghalu xejn mis-somma li kien ha u jghix bil-flus tal-pensjoni.

Il-konvenut jixhed *viva voce*[5] u jikkonferma ix-xiehda tieghu precedenti izda jzid li meta jghid li z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa fis-sena 2007 dan kien meta l-attrici bdiet tohrog u tidhol lura fit-tlieta ta' filghodu u jzid jghid li l-attrici qeghda f'relazzjoni ma wiehed Charles. Id-dar hija propjeta' taghhom it-tnejn u ma hemm l-ebda dejn fuq id-dar. Huwa jghid li ilhom separati seba' snin. Jghid li l-attrici tahdem bhala *cleaner* l-Isptar u hu ghandu *depression,* problemi fil-qalb u problemi f'dahru u jghix wahdu fid-dar mal-klieb. Huwa jghid li jaqla tmien mitt ewro fix-xahar izda minkejja li hu ragel wahdu, dawn il-flus ma jservuhx u biex jitla' l-Belt kellu bzonn jissellef minghand in-nies. Huwa jghid li l-bejgh tad-dar intilef ghaliex huwa baqa' jitlob hamsa u sebghin elf lira Maltin.

**Provi migbura quddiem il-Qorti**

[5] A fol 124 tal-process

Illi gie ipprezentat mill-konvenut id-Dok NC1[6] li juri l-ammont ta' pensjoni li qed jircievi mill-Gvern.

Jixhed ukoll George Cremona mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u jghid li l-konvenut beda jircievi *sickness benefit* mit-23 ta' Dicembru 2010, kif ukoll *invalidity pension* li beda jircievi fil-15 ta' Gunju 2012, u dan ifisser li hu qed jircievi €113.25 fil-gimgha flimkien ma' €3.12 *weekly bonus* u €4.40 *supplementary allowance.* Il-*Cost of living bonus* huwa terz taz-zieda ta' l-gholi tal-hajja li ma jithallasx kull gimgha, izda darba fil-bidu tas-sena il-konvenut jircievi ukoll *bonus* kull sitt xhur ta' €135.10. Ix-xhud esebixxa dokument immarkat DSS1 li juri dawn il-figuri.[7]

L-attrici ipprezentat nota guramentata li tghid li flimkien mal-hames hutha wirtet lil missierha, lil ommha u liz-zijiet taghha u tiddikjara li hija wirtet l-ammont globali ta' €23,293.73[8]. Permezz ta' din in-nota gew ezebiti numru ta' dokumenti, Dok RS1[9] – dikjarazzjoni *causa mortis,* Dok RS2[10] – dikjarazzjoni *causa mortis*, Dok RS3[11] – kuntratt ta' bejgh ta' fond, Dok RS4[12]

---

[6] Ezebit a fol 48 tal-process

[7] Ezebit a fol 53 tal-process

[8] Nota guramentata ezebita a fol 77 tal-process tindika l-ammont ta' €10,000 izda dan l-ammont gie korrett permezz ta' nota ohra a fol 97 tal-process fejn hi tindikat li l-ammont kien dak ta' Lm10,000 u mhux €10,000 ghalhekk ekwivalenti ghal €23,293.73.

[9] Ezebit a fol 79 tal-process

[10] Ezebit a fol 84 tal-process

[11] Ezebit a fol 89 tal-process

[12] Ezebit a fol 92 tal-process

– statement mahrug mil-Lohombus Bank, Dok RS5[13] – *invoice* datata 4 t'Ottubru 1997, Dok RS6[14] – ircevuta mahruga minn Master Aluminium.

Illi jixhed Jonathan Osmond[15] rapprezentant ta' F.Advertising Limited li ipprezenta dokument, Dok OB1[16]. Huwa jghid li kien ghamel ftehim ma' l-attrici li hadet il-ftehim biex jigi iffirmat ukoll mill-konvenut ghar-reklamar ghall-bejgh tal-propjeta' matrimonjali. Il-partijiet issugerew l-prezz ta' €144,500 izda huwa jghid li dan l-ammont rah gholi ghaliex skont hu, l-propjretajiet ta' dak it-tip igibu prezz ta' bejn Lm55,000 u Lm60,000.

L-attrici tipprezenta nota[17], kontententi sentenza moghtija mit-Tribunal Metropolitan datata 28 ta' Novembru 2014[18], sentenza moghtija mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza[19] u Digriet ta' Ezekuttivita'[20] li juru li z-zwieg bejn il-partijiet huwa ghall-finijiet tad-Dritt Kanoniku meqjus bhala wiehed null.

---

[13] Ezebit a fol 94 tal-process

[14] Ezebit a fol 95 tal-process

[15] Ara fol 101 tal-process

[16] Ezebit a fol 103 tal-process

[17] Prezentata a fol 143 tal-process

[18] Ezebit a fol 144 tal-process

[19] Ezevit a fol 160 tal-process

[20] Ezebit a fol 162 tal-process

**<u>Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[21] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenza l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[22] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[23] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenza l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment

---

[21] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

[22] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

[23] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Madanakollu rigward ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg, jirrizulta li l-komportament tal-konvenut tul is-snin fil-konfront ta' l-attrici kien wiehed mhux accettabbli u certament wiehed li ma jaghmel l-ebda gid ghal hajja matrimonjali. It-theddid, sevizzi u ingurji li semmiet l-attrici fl-affidavit taghha ma gew bl-ebda mod indirizzati mill-konvenut, lanqas fix-xiehda tieghu jew minn xi kontro-ezami min-naha tieghu u il-konvenut ghazel li ma jtellgha l-ebda prova in sostenn tar-risposta guramentata tieghu, u ghalhekk l-attrici irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li kien il-konvenut li kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg.

Illi il-Qorti temmen lill-attrici, u temmen ukoll il-fatt li l-konvenut irrenda ruhhu hati ta' offizi gravi fil-konfront ta' l-attrici u li zgur ikkagunalha biza li kienet ser tintuza xi forma ta' vjolenza fil-konfront taghha, tenut kont tal-fatt ukoll li darba kellha addirittura titlaq Ghawdex f'centru ta' xelter kontra l-vjolenza domestika. Din il-biza li kienet qed thoss l-attrici certament li kienet ta' certa livell u wasslita fi stat tant iddisprat illi kellha taqbad l-uliedha u titlaq maghhom Ghawdex biex ikollha ftit wens.

Inoltre l-Qorti wkoll temmen lill-attrici meta hija tghid li l-konvenut spiss kien ikun fis-sakra, u allura l-flus li kien jaqla mix-xoghol tieghu kien iktar jonfoqhom fuqu nnifsu u fil-loghob milli ghall-gid tal-familja tieghu. Illi l-attrici kienet wirtet xi flus minghand il-genituri taghha liema flus nefqithom fuq il-familja, haga li giet ammessa mill-konvenut stess fix-xiehda illi ta quddiem din il-Qorti.

Illi il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi, u in vista tax-xiehda u l-provi prodotti, li l-konvenut irrenda ruhhu

hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba ingurji, sevizzi, theddid, eccessi u vjolenzja fil-konfront ta' martu.

Illi pero' fil-premessi taghha fir-rikors guramentat l-attrici ssemmi adulterju u l-frekwentazzjoni intima da parti tal-konvenut ma' nisa diversi, izda dan ma' irrizultax ippruvat stante li l-attrici ma gabet l-ebda prova sodisfacjenti fir-rigward.

Illi fix-xiehda tieghu l-konvenut isostni li l-attrici ikkommettiet adulterju. Gie pruvat li l-attrici dahlet f'relazzjoni ma' persuna ohra u dan qalitu hi fix-xiehda taghha *ex admissis,* u qalet li ilha f'din ir-relazzjoni sa mis-sena 2010[24] u cioe' minn qabel ma ivvakat id-dar matrimonjali f'Ottubru 2011. Izda hija l-konkluzjoni ta' din il-Qorti illi r-relazzjoni adultera li nbiet fis-sena 2010 ma kenitx il-kagun ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet, peress li kif spejgat supra, iz-zwieg tal-partijiet tkisser ferm qabel b'mod irrimedjabbli[25] u dan tort uniku tal-konvenut, peress li sa minn ftit zmien wara z-zwieg l-attrici bdiet issofri ingurji, theddid u sevizzi da parti tal-konvenut.

Ghalhekk in vista ta' dan, it-talba ghas-separazzjoni personali bi htija fil-konfront tal-konvenut timmerita li tigi milqugha.

**<u>Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici</u>**

---

[24] Ara xhieda ta' l-attrici datata 8 t'April 2013 (fol 130 tal-process, meta l-attrici tghid hekk, *"Mistoqsija jekk ghandiex hbieb irgiel nghid illi ghandu partner. Meta l-ewwel ghedt li jiena ma ghandiex relazzjoni ma ebda ragel ridt infisser illi huwa ma jghix mieghi izda ahna nohorgu flimkien. Ilna nohorgu flimkien mis-sena elfejn u ghaxra (2010). Nghid illi fil-bidu konna bdejna bhala hbieb izda issa ahna koppja."*

[25] Ara xhieda tal-konvenut datata 16 t'Ottubru 2012 (fol 43 tal-process) meta jghid hekk, *"Dan kien sal-2007 meta imbaghad infridna."*

Illi kif diga' gie spjegat iktar il-fuq u kif irrizulta mix-xiehda ta' l-attrici, *ex admissis,* hija dahlet f'relazzjoni adultera fis-sena 2010 ma' persuna ohra, ghalhekk fir-rigward tal-manteniment, it-talba tal-attrici ghall-manteniment ghaliha qed tigi michuda inkwantu hija hatja ta' adulterju. Inoltre, l-partijiet qablu li huma jiddekadu reciprokament mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk din it-talba qed tigi michuda ukoll ghal din ir-raguni[26].

**<u>Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti</u>**

Illi mill-assjem tal-provi, jirrizulta li l-unika propjeta' formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti hija d-dar matrimonjali 21, Cuore D'Oro, Triq Guze' Galea, Qormi u dan peress li kwalunkwe assi mobbli ohra formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti giet maqsuma pendenti din il-kawza. Il-partijiet ma humiex jaqblu x'ghandu jkun il-valur reali ta' din il-propjeta'. Ghalkemm il-partijiet accettaw li jibdew jirreklamaw id-dar bil-prezz ta' mija erbgha u erbghin elf u hames mitt Ewro (€144,500)[27], din it-tip ta' valutazzjoni ghall-Qorti ma hix prova bizzejjed biex tikkonkludi li dan huwa l-prezz reali tal-proprjeta'[28]. Illi tenut kont ta' dan, il-Qorti qed tiehu konjizzjoni ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fuq id-dar matrimonjali permezz ta' verbal datat 17 ta' Marzu 2015 (a fol 136) tal-process meta l-partijiet qablu li d-dar ghandha tinbiegh fuq is-suq liberu u r-rikavat jigi diviz bejn il-partijiet, u jekk din id-dar ma tinbieghx fuq is-suq liberu l-Qorti qeghda tahtar Perit Arkitett biex jistma' d-dar u eventwalment id-dar tinbiegh bil-procedura tas-subbasta.

---

[26] Ara verbal datat 17 ta' Marzu 2015 a fol 136 tal-process.

[27] Ara x-xhieda ta' Jonathan Osmond datata 8 ta' Mejju 2013 a fol 101 tal-proces u d-dokumenti prezentati a fol 103 u 104 tal-process.

[28] Stante n-nuqqas ta' stima guramentata minn Perit Arkitett.

Ghalhekk in konkluzjoni, din il-Qorti tordna li l-istess fond jigi stmat mill-Perit Tancred Mifsud li qed jigi nominat mill-Qorti bhala espert, a spejjez taz-zewg partijiet, ghal dan l-iskop, kemm il-darba il-partijiet ma jaqblux fuq il-valur ta' dan il-fond; u tordna li l-fond jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghall-ammont ta' l-istima jew tal-valur konkordat bejn il-partijiet; u, fin-nuqqas, il-post jinbiegh that l-Awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam kif gej, billi l-attrici tircievi s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) kreditu parafernali taghha derivanti mill-wirt li rceviet minghand il-familjari taghha[29], u l-bilanc tar-rikavat rimanenti, jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet. Il-mobbli ta' god-dar ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici qeghda titlob biex din il-Qorti tikkundanna lill-intimat biex jivvaka mid-dar matrimonjali, izda il-Qorti ma hix se tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma hix talba inkluza fir-rikors guramentat ta' l-attrici u ma saritx skont il-procedura civili, permezz ta' rikors ai termini ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jew permezz ta' talba fir-rikors guramentat. Il-Qorti lanqas ma tista' tiehu konjizzjoni tar-ritratti prezentati man-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici wara li hija kienet diga' ghalqet il-provi. Din il-Qorti ttenni li jekk l-attrici thoss li qed issofri xi forma ta' pregudizzju mill-fatt li l-konvenut qieghed ihalli d-dar f'livelli mhux dicenti, hija kellha ggib lil din il-Qorti a konjizzjoni ta' dawn il-fatti permezz ta' talba appozita u permezz ta' provi fiz-zmien meta hija kellha l-opportunita' li ttella' dawn il-provi, u mhux billi sempliciment tipprezenta zewg ritratti man-nota ta' sottomissjonijiet.

---

[29] Aqra l-parti ta' din is-sentenza intitolata *"Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assenjati lill-attrici".*

Il-Qorti mhux se tillikwida somma kif mitlub mill-attrici fin-nota guramentata taghha u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha rapprezentanti nofs il-kera (li hallset minn Ottubru 2011 il-quddiem) tal-post li qeghda tghix fih l-attrici u dan ghal zewg ragunijiet elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta datata **23 ta' Frar 2012, numru 3/2005, AB vs CBD**, meta l-Qorti qalet is-segwenti,

*"Illi rigward il-pretensjoni attrici li din tigi rifuza l-hlas tal-kera li hallset wara li telqet mid-dar konjugali, il-Qorti tosserva li din l-pretensjoni hi nsostenibbli ghal zewg ragunijiet: [1] il-flus mhallsa mill-attrici mill-introjtu taghha jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; u [2] l-attrici kellha r-rimedju specifiku taht l-artikolu 46 tal-Kap.16 biex titlob li tigi awtorizzata tghix pendente lite fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta' zewgha; izda din m'usufruwitx minn dan ir-rimedju."*

Il-Qorti qeghda taghmel taghha dan ir-ragunament ghaliex huwa applikabbli ghall-kaz in ezami, izda wkoll b'zieda ma' dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tosserva li l-attrici xehdet li qeghda tghix f'post bil-kera maz-zewgt uliedha li huma lkoll magorrenni u allura f'pozizzjoni li jkunu finanzarjament indipendenti u li ma jghinux fil-hlas tal-kera[30], u ghalhekk ma jkunx gust li l-konvenut jigi mghobbi b'din ir-responsabbilita' tal-hlas tal-kera.

Il-Qorti tordna wkoll li f'kaz li l-konvenut ikkuntratta xi dejn ma' terzi, dan ghandu jithallas mis-sehem tieghu mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

## Dwar id-dekadenza tal-konvenut

[30] Ara xhieda ta' l-attrici datata 8 t'April 2013 (fol 130 tal-process), meta l-attrici tghid hekk, *"Jiena nhalals two five six euro (€256) bhala kera kull xahar. Jien nhallas ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kollox jiena. Jiena niehu hsieb ukoll lit-tfal illi ma jghinunix…"*

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-konvenut huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat taht il-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg" u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assenjati lill-attrici</u>**

Illi kif diga spjegat il-Qorti iktar qabel, il-konvenut ammetta[31] u ma ikkontestax li l-attrici kienet wirtet lill-genituri taghha u

---

[31] Ara xhieda tal-konvenut datata 4 ta' Frar 2013 (fol 57 tal-process) meta huwa jghid hekk, *"Marti wirtet lil ommha u lil missierha u liz-ziju Mikiel Bonello u dana tul iz-zwieg. Il-flus intefqu ghall-bzonnijiet tal-familja u nghid li jiena kont nixtri xi flixkun inbid jew birra."*

nefqet il-flus ghall-familja, u ghalhekk dak li nefqet huwa kreditu parafernali favuriha u l-attrici ghandha tithallas lura l-ammont parafernali li nefqet ghall-familja mal-bejgh tad-dar matrimonjali. Fl-affidavit taghha, hija tghid li l-kreditu parafernali taghha huwa ammontanti ghal €5823.44, u li b'dawn il-flus kienu ghamlu l-kcina, izda zzid li l-ghamara tad-dar hadita kollha b'dan li l-ghamra li fiha d-dar matrimonjali llum xtraha l-konvenut. Hija rnexxielha tipprova li wirtet lil ommha u lil missierha u giet fil-pussess ta' l-ammont ta' €6483.42 permezz ta' kuntratt ta' kompra-vendita datat 26 ta' Mejju 1997, u li €6074.49 minnhom gew imhallsa lil Lohombus Bank biex jinqata d-dejn gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti, liema fatt ma giex ikkontestat mill-konvenut. Fin-nota guramentata taghha pprezentata fil-15 ta' Mejju 2013, hi tghid li hallset l-ammont komplessiv ta' €6801.57 mill-flus li wirtet biex ghamlet il-granite u l-ghamara tal-kcina u hallset ukoll is-somma ta' €896.81 mill-flus li wirtet lill-Master Aluminium. Dawn id-dokumenti u figuri li ssemmi l-attrici ma gewx ikkontestati mill-konvenut. Fil-fatt l-ammont parafernali komplessiv li l-attrici tefghet fil-komunjoni ta' l-akkwisti huwa ta' tlettax il-elf seba' mija tnejn u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€6074.49 + €6801.57 + €896.81 = €13,772.87). Izda l-attrici hadet l-ghamara kollha li kien fiha d-dar, u ghalhekk il-Qorti ser tnaqqas ammont minn din is-somma, talli l-attrici hadet l-imsemmija ghamara u tilqa' dak li qed tipproponi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u ghalhekk l-attrici qeghda tigi assenjata kreditu parafernali ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) meta tinbiegh id-dar matrimonjali u dan billi l-attrici tiehu sehemha mir-rikavat tal-bejgh ta' l-istess dar matrimonjali[32].

[32] Skond kif deciz minn din il-Qorti f'din is-sentenza fil-parti intitolata, *"Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti."*

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment minhabba tortijiet unikament attribwibbli lill-konvenut;

2. Tichad it-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet u l-hames talbiet, fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata "Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti".

4. Tilqa' r-raba talba u tapplika fl-intier tieghu id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 fil-konfront tal-konvenut;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba.

Spejjez ikunu a karigu tal-konvenut.